Jum l-Għażla

Matthew Schembri

Qabel tagħlaq it-tmintax-il sena, ma stajtx tgħid x'tixtieq issir la tikber. Xejn. Lanqas sillaba waħda. ma' ħadd. Lanqas miegħek innifsek.

Kull min naf, niftakru jgħid x'kien għażel dakinhar meta għalaq sena u għamlulu l-quċċija: l-ewwel pass għal Jum l-Għażla. Min jgħid li għażel pinzell, min mikrofonu, min żarbun tal-balè, min flawt ...

Malli kienet tasal xi quċċija ta'xi ħadd u l-kliem kien jaqa'fuq tiegħi, ommi u missieri kienu awtomatikament jinstamtu u jinħitulhom xufftejhom ma'xulxin.

Ovvjament, jien ma stajtx niftakar x'kien ġara dakinhar tal-quċċija tiegħi. Imma darba, f'waħda mill-ġlidiet li spiss kien ikolli m'oħti, din għajritni li jien kont wieħed mill-Oħrajn u qaltli li ma kont għażilt xejn f'għeluq l-ewwel sena tiegħi. Qalet li għalxejn bdew jippruvaw iġegħluni nżomm f'idi xi oġġett minn fost il-ħafna li kien hemm fl-art madwari. Kollha bdejt nissuttahom lura lejhom u nibki biki li jtarrax. Ommi ċanfret lil oħti bl-ikrah u l-ġlieda mietet hemmhekk.

Imma lil oħti kont emmintha.

Komplejt nitfarfar u lsieni beda jinħall. U fost l-ewwel sentenzi li ħarġu minn ħalqi kien hemm: "Irrid insir tabib!" Hekk ridt insir, bħal dak li kien jiġi jarani d-dar meta kont inkun ma niflaħx. Meta semgħet hekk, ommi qabdet tgħajjat miegħi u qaltli li ma kellix ngħid kliem bħal dak. Qatt, kemm indum ħaj. Imma jien, sa minn dik l-età tenera, ma kellix filtru bejn dak li naħseb u dak li ngħid. Donnha din ix-xewqa li kelli tant kienet intensa li lanqas biss kien

jimpurtani mill-kliem mimli theddid t'ommi. U komplejt nirrepeti ma' kulħadd din l-istqarrija, donnha kienet xi parti minn lirika ta' kanzunetta li waħlet ma' moħħi b'mod permanenti.

Stranġieri li kienu jieqfu mill-mixi tagħhom, jiggustawni ma' djul ommi, ma kinux jieqfu jitfgħu l-botti:

"Għandu qatgħa ta' kompożitur!" kien jgħid xi ħadd minnhom.

"Jien ngħid li inti se tkun żeffien prim la tikber!" jinbixni xi ħaddieħor.

Lil dawn kollha kont inweġibhom bil-frażi famuża tiegħi: "Irrid insir tabib!"

Malli jisimgħu dan, it-tbissima li kien ikollhom fuq wiċċhom kienet tintefa. Ħarsithom tisserja u jinfixlu, jippanikjaw. Wara, jagħtu ħarsa mħallta bin-niket u bil-biża' lejn ommi u jaħarbu jiġru 'l bogħod minna, donna nbdilna fil-pesta.

Ommi qisha ttieħdet minnhom, għax, wara ħafna biki u ġlied ma' missieri, sparixxiet. Mat-theddid verbali, żdied dak fiżiku. Ix-xebgħat papali li tani missieri bdew joħduni dritt l-isptar. Ma kontx niddejjaq immur l-isptar għaliex hemmhekk kien ikun hemm l-Oħrajn, ħafna minn dawk li xtaqt li, la nikber, insir bħalhom.

"Impossibbli. Dak mhux xogħolna," qalti darba oħti, minn taħt. "Ħu minni, jien se nsir attriċi, bħall-mamà. U famuża ħafna wkoll!"

Dan tal-aħħar kienet qalitu bl-arja ta' Meryl Streep, attriċi li kienet fl-aqwa tal-fama tagħha snin ilu, imma li oħti baqgħet taduraha.

"Imma jien ..."

"Imma xejn," qatgħetli kliemi. "Inti ma tistax issir tabib daqskemm ma tistax issir wieħed mill-Oħrajn."

Fostna, kulħadd hekk kien jirreferi għalihom. Bħala l-Oħrajn. Jien dejjem immaġinajt li l-Oħrajn, bejniethom, kienu jsejħu lilna bħala l-Oħrajn. Bħalma konna nagħmlu aħna. Hu x'inhu, bejnna u bejn l-Oħrajn kien hemm distinzjonijiet stretti – soċjali, ekonomiċi, spiritwali u l-kumplament. Aħna kellna isimna u kunjomna magħmulin mill-ittri, filwaqt li tal-Oħrajn kien dejjem ikun iffurmat minn forom numeriċi. Minn barra, kien kważi impossibbli tiddistingwina minn xulxin, għax huma kellhom kollox bħal tagħna: ġildthom, għajnejhom, xofftejhom ... Id-differenza l-kbira kienet ġo fihom, jgħidu, għax minflok vini, demm u organi – bħalna – kienu mimlijin skorfini, vireg u viti.

Imbagħad wasal iż-żmien meta, bħal oħti, kelli mmur ngħix is-Seminarju. Imma mhux fl-istess wieħed li marret fih hi. Hemmekk kelli niġi mgħallem ħiliet importanti fl-oqsma artistiċi.

Mal-ewwel jum, bdew jagħmlulna evalwazzjonijiet b'kull mod u ta' kull tip, biex jippruvaw jaraw taħt liema kategorija artistika konna naqgħu taħtha l-iktar. Min kien jiġbed lejn il-pittura; min lejn il-kitba; min lejn it-tnejn f'daqqa ... Minkejja li ma setgħux jgħidu qabel Jum l-Għażla, kienu bosta dawk li, bħal oħti, diġà kellhom stampa ċara ta'x'jixtiequ jagħżlu li jsiru u kienu jistqarru dan baxx baxx. Oħrajn kienu dubjużi. Min ħafna, min ftit. Imbagħad kien hemm jien, li, naturalment, ridt insir dak li ridt insir.

"Superjura!" għajjat ħalqi mal-ewwel ċans li sab. "Xi jrid jagħmel wieħed biex isir tabib?"

Fil-klassi grandjuża waqa' silenzju sopranaturali u s-Superjura, li kienet Oħra, ħarset lejja b'ħarsa ta' waħda iktar minn sorpriża.

"Għalfejn qed tistaqsi mistoqsija assurda bħal din?"

"Għax irrid insir hekk la nikber," stqarr ilsieni mingħajr tlaqliq.

Il-klassi splodiet f'sinfonija daħk.

"Ħaġa bħal din ma tistax tiġri," qalet bi stmerrija f'leħinha, wara li sikktet lil kulħadd bil-herra. Imbagħad ħadet nifs twil u indirizzatna lkoll. "Intom ġejtu hawnhekk ħalli aħna niggwidawkom fi triqitkom sabiex issibu l-vokazzjoni artistika tagħkom meta tagħlqu t-tmintax, f'Jum l-Għażla. L-oqsma ta' okkupazzjonijiet oħra, li forsi xi darba smajtu bihom, bħal dik il-kelma li għedt inti," hawnhekk ħadet pawża, donnha diżgustata wisq biex titkellem, "Sur Meil Rivy, ħalluhom għalina. U ħa nieħu dan il-każ tiegħek bħala spunt għall-klassi kollha. Ma rrid nisma' qatt, taħt l-ebda ċirkostanza, diskors fuq kwalunkwe tip ta' okkupazzjoni; kemm dawk li jappartjenu lilkom, wisq anqas dawk li jappartjenu lilna. Dan huwa permess biss f'Jum l-Għażla u wara. Jekk xi wieħed jew waħda minnkom tinqabdu tgħidu nofs ta' kelma dwar dan, fil-beraħ jew fil-moħbi, hemm pieni ħorox ħafna lesti għalikom!"

Hawnhekk is-Superjura talbitni biex inqum u mmur ħdejha, quddiem il-bord. Talli kont għedt il-kelma "tabib" qlajt għaxar daqqiet fuq in-naħa ta' fuq tal-pala t'idi bir-riga tagħti għall-ponta li kellha. Waħwaħt u ħariġli d-demm.

Mhux biss.

Jekk qabel, il-ħeġġa li kelli sabiex insir tabib kienet ħuġġieġa nar ċkejkna,

issa din ittrasformat ruħha f'foresta taqbad. Malli s-Superjura ratni se nibqa' ninsisti li niġi mwieġeb għar-risposta tiegħi, baqgħet tirrepeti dan ir-ritwal tagħha, sakemm ġismi sar pjaga waħda, bl-oħrajn kollha jidħku, jgħajtu u jwaddbuli kulma jiġi għal idejhom f'dillirju ta' pjaċir.

"Din żgur għandha sservik ta' lezzjoni!" nebħet lejja, mixħut kobba fl-art, mimli tbenġil u demm frisk. B'ħarsitha lura fuq l-oħrajn, donnhom dawn kienu kompliċi miegħi, żiedet, "lezzjoni għalikom ilkoll! Jekk xi ħadd isemmi nofs ta' ..."

"Tabib tabib tabib tabib ..." irrepeta ħalqi b'leħen għoli, bħal f'rit.

Wara xebgħa swat ieħor, spiċċajt mitfugħ bl-addoċċ barra mill-klassi u maqful ġo kamra mudlama għal ma nafx kemm-il jum.

Meta rġajt lura fuq saqajja, bis-saħħa tat-tobba, sirt naf li ġiet assenjata għalliema għal kull wieħed u waħda minna. Dan ħalli tgħinna ntellgħu xogħol artistiku varjat. L-għalliema kienu kollha Oħrajn, naturalment, u tiegħi kien jisimha 5555-5555. Isimha ma kienx tqil kieku, imma għamiltilha ħajjitha infern. Din bdiet tordnali biex inpinġi, nikteb, inkanta, niżfen, indoqq ... u ma nafx x'iktar. Jien qatt ma kkoperajt, bqajt intenni l-istqarrija sinonima miegħi u nerġa' nispiċċa fid-dalma tal-kamra msakkra, ġismi mimli daqqiet u feriti. Ġejt ittimbrat bħala seminarist xkora inkwiet u s-seminaristi l-oħra ħallihom jaqbdu miegħi u jgħajruni għax kelli ħolm differenti minn tagħhom.

Is-snin is-Seminarju qattajthom f'din il-miżerja. Dan sakemm is-Superjura ma ratx triq oħra ħlief li tibgħatni f'Faċilità Korrettiva, għar-rijabilitazzjoni. Wara qbil min-naħa ta' missieri – li qatt ma kien ġie jżurni kemm kont ilni hemm – sibt ruħi barra s-Seminarju.

Malli wasalt il-faċilità ħadt ir-ruħ. Għall-ewwel darba f'ħajti ntbaħt li kien hemm ftit ġuvintur u tfajliet oħra bħali li, kontra n-norma, xtaqu jsiru periti, avukati, dentisti, għalliema, tobba ... Dan ħadd ma qaluli bil-fomm. Qbadtu mill-osservazzjonijiet inizjali tiegħi.

Imma malajr għaraft in-naħa l-oħra tal-munita ta' dan il-post. Il-gwardjani kienu jġegħluni nagħmel dak kollu li kont ordnat nagħmel is-Seminarju. Bid-differenza, li anke dak li ma ridtx nagħmel, kelli nagħmlu. Irrid jew ma rridx.

Rabtuni bil-ħbula kollni kemm jien f'sodda, b'mod li bilkemm stajt nieħu nifs. Għammduli għajnejja u għalquli ħalqi għall-maġġorparti tal-ħinijiet. Ħallewni jiem sħaħ mingħajr ikel u ilma. Bellgħuli pillola wara pillola u taqqbuni kontinwament b'injezzjonijiet ta' kull daqs, f'kull parti ta' ġismi. Poġġewni

quddiem skrins bħal taċ-ċinema u, mingħajr ma nista' npetpet għajnejja, kelli bilfors nara filmati eterni dwar vokazzjonijiet artistiċi. Inkullawli speakers f'widnejja li ma waqfux jirrepetu fihom frażijiet bħal:

Tabib mhuwiex xogħol tassew!

Tista' żżommu bħala passatemp.

It-tobba jmutu bil-ġuħ!

Dan huwa xogħol li l-Oħrajn kollha jistgħu jagħmluh.

Agħżel xogħol ta' veru!

Lejl u nhar

Kellmuni fuq vokazzjonijiet artistiċi għal sigħat sħaħ. Meta ħalqi kien jazzarda jlissen il-kelma "tabib," kienu jgħaddsuli rasi fl-ilma kiesaħ sakemm wiċċi jsir vjola; jimmarkawli laħmi b'diversi simboli permezz ta' vireg jikwu; jagħtuni x-xokkijiet tal-elettriku mal-ġnub ta' moħħi ... U jerġgħu jibdew mill-bidu u ħalqi jerġa' jgħid l-istess kelma. U jerġgħu u jien nerġa'. U bqajna sejrin hekk sakemm il-ħin u ż-żmien saru żlieġa waħda.

Minkejja dan kollu, jien bqajt riżolut.

Imbagħad, akkumpanjat minn salt gwardjani, ġie jżurni għall-ewwel darba l-Kap Gwardjan. Il-gwardjani rabtuni f'siġġu faċċata tiegħu, bilqiegħda wkoll. Ġismi kien għeri għalkollox, internament u esternament, mingħajr ħajta saħħa fih. Imma ma waqaftx inżomm il-pali t'idi, marbutin mill-polz, ponn fuq qalbi.

Mhux il-gwardjani kollha kienu mingħajr qalb. Jew aħjar, wieħed minnhom kellu speċi ta' qalb.

"Fallejna s-sistema," qal hu u jżomm moħħu, inkwetat għall-aħħar. "Id-dmir tagħna kien li nġibuk bħall-oħrajn, normali ... U fallejna. Għaliex?"

Ħalqi baqa' sieket. Kont naf li din il-mistoqsija kienet iktar indirizzata lejh milli lejja. Wara kollox, ħalqi kien ilu li nesa kif jitħarrek.

"Sur Rivy, għaliex għandek din ix-xewqa bla sens li ssir tabib?" saqsa, b'ton mimli kurżità ġenwina.

Ħalqi baqa' magħluq, bil-pali t'idi għadhom ponn fuq qalbi.

"Taf, jaħasra, kemm ġibt problemi fuqek innifsek ħabba ċuċata bħal din!?"

Skiet. Moħħi f'qalbi.

"Trid tkun taf għala ħadd ma jridek issir tabib?"

Mistoqsija rettorika oħra.

Moħħi biss f'qalbi ...

"Għall-ġid tiegħek, Sur Rivy!" wieġeb. "Meta ħloqtuna intom l-umani, aħna l-hekk imlaqqma minnkom bħala l-Oħrajn, sibtu li nafu nagħmlu kull xogħol li jeżisti ħafna aħjar minnkom, b'iżjed ħeffa u mingħajr ebda bżonn ta' ħlas. Biss kien hemm qasam wieħed li, ippruvajna kemm ippruvajna, aħna qatt ma stajna nilħqu l-abbiltà tagħkom fih. Dak artistiku. Ħadd minna ma kellu l-kapaċità li jpitter, jikteb, jikkomponi bħalkom ... Qed tifhem, Sur Rivy?

Veru, xorta nistgħu, imma dan qatt ma jista' jilħaq l-espressjoni kreattiva umana. Għalkemm hemm ftit minna li jisħqu li huma artisti. Imma artisti tal-isem! Min-naħa l-oħra, ftit umani, inkluż inti u sħabek hawnhekk, iridu jagħmlu xogħolna. U dan sempliċiment mhuwiex permess. Għandkom rigal tant speċjali bħal dak u tarmuh hekk!? Qed tarmi l-ġenna, Sur Rivy. Illum għalaqt tmintax-il sena u b'hekk wasal il-jum tant speċjali għalik: Jum l-Għażla. Ħafna ġuvnotti bħalek ikunu qed jgħoddu l-jiem bil-ħerqa sabiex ifittex jasal dan il-jum ħalli jibdew jagħtu l-kontribut artistiku tagħhom u jxerrduh mad-dinja kollha. Wisq nibża' li int tliftu dan iċ-ċans. Ħasra, nara umani intelliġenti bħalek jiġġennu għalxejn. Nispera li quddiem it-tribunal, illum, tibdel din il-fehma tiegħek."

"Qatt," lissen ħalqi fi tfesfisa mħarħra.

Il-Kap Gwardjan ma semagħnix. Qam minn fuq is-siġġu u, wara li ordna lil uħud mill-gwardjani sabiex iħejjuni ħalli nidher quddiem it-tribunal, telaq 'il barra mill-kamra, eskortat minn oħrajn.

Il-gwardjani qabduni u xiddu fuqi libsa twila bajda silġ, poġġewli parrokka fejn qabel kelli x-xagħar, irtukkjawli wiċċi u ġismi bil-kremi u l-makeup, fawruni bi fwieħa li dardritli l-istonku ... Wara dan kollu kaxkruni kif kont f'kamra ffullata bil-kameras u l-ispotlights, jarmu dwal tant qawwija li ħsibtni kont għamejt għalkollox. Xeħtuni fuq siġġu u, għal darba, ma rabtunix. Intant, jien qatt ma rripożizzjonajt il-pali t'idi minn fuq qalbi, għadha tħabbat.

S'issa.

"Meil Rivy, qum!" ordna leħen bħal t'oraklu, mid-dalma faċċata tiegħi.

Sakemm saqajja qamu bi tbatija kbira, għajnejja bdew joqogħdu fl-ambjent li sabu ruħhom fih. Lemħu riġment Oħrajn, kollha bilqiegħda wara mwejjed iħokku ma' xulxin biex jiffurmaw nofs ċirku.

"Sur Rivy, fl-aħħar wasal il-jum li tant ilek tistenna!" qal l-istess leħen oħxon u mxebba' li kien laqagħni.

Dan kien bilqiegħda fin-nofs, wara l-mejda mpoġġija eżatt quddiemi.

"X'tixtieq issir Sur Meil Rivy?" saqsa b'awtorità.

Dak il-ħin għajnejja raw lil xi ħadd iqum minn mejda fil-qrib u jfesfislu xi ħaġa f'widnejh.

"Aaa, wieħed minn dawk! Ilu ma jkollna wieħed minnhom!" esklama lejn sħabu ta' madwaru l-leħen oħxon, issa b'ton mimli interess ġdid. "Allura, x'tixtieq issir?"

"Ta-ta-tabib."

It-tribunal infaqa' bid-daħk. Daħk li ħassejtu jidħol f'moħħi u jisfrundalu l-aħħar ftit ċelloli li kien għad fadallu fih.

"Ieqfu! Ieqfu!" għajjatt f'żarżira, waqt li waqajt ċomb fl-art quddiemhom, idejja għadhom imwaħħla ma' sidri, fuq ix-xellug.

"Ordni fil-kamra, jekk jogħġobkom!" ħambaq l-oraklu, fost it-tixriq li ħakmu, issa qed ibatti. "Sur Rivy, bil-poteri kollha tiegħi jiena ma nistax inħallik issir tabib. Dak mhux kompitu tiegħek."

Fil-kamra, id-daħk tpartat ma' tgemgim ma jiftihemx.

"Ara, jien ħadt deċiżjoni," iddikjara, diżinteressat mill-ġdid. "Għadek trid issir tabib, Sur Rivy?"

"Iva ... Iva! B'qalbi kollha!"

"Tajjeb wisq. Se nagħtik iktar żmien ġewwa l-Faċilità Korrettiva. Irridek tibqa' tidher quddiemi kuljum sakemm tiddeċiedi x'vokazzjoni sura ta' nies se tagħżel ..."

Il-pali t'idi tneħħew minn fuq qalbi.

"... pittur, skultur, kittieb, poeta ..."

Fil-ponn t'idi, għajnejja raw il-kunjett.

"Hemm daqstant x'tagħżel ... !?"

B'adrenalina, is-swaba' fetħulu t-tapp.

"*Stenn', hemm x'int tagħmel!?*"

Għamluh ma' xofftejja.

"*Qatt ma rrid insir artist!*" werżaqt.

U xrobt il-velenu.